Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Billy McBee

Vs

Epic Communications Ltd

CCT 14/25/MM

Illum, 20 ta' Mejju 2025

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-24 ta' Jannar, 2025 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn u disgħa u disgħin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€299.88).

Ra r-rispsota tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' kontijiet, kuntratti u diversi korrispondenza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra s-segwenti:

Illi r-rikorrenti iffirma kuntratt ta' sentejn mas-soċjeta' intimata relatat ma servizz ta' telefonija u kuntratt ta' tlett (3) snin relatat ma xiri ta' apparat (iPhone SE u iPad). Illi r-rikorrenti jispjega li huwa ġie mqarraq u fil-fatt kien taħt l-impressjoni li ż-żewġ kuntratti kienu għal perjodu ta' sentejn u li kienu jimxu flimkien. Illi minn naħa l-oħra, is-soċjeta' intimata Epic targumenta li l-kuntratt inkwistjoni kien wieħed validu u ċar u li s-somma kontestata tirrigwarda pagamenti li għadhom ma sarux għall-apparat li r-rikorrenti kien

għadu qed igawdi. Illi l-kuntratt kien jispjega bl-aktar mod ċar li jekk il-klijent jitterminа l-kuntratt qabel id-data tal-iskadenza, tali klijent ikollu jħallas lura kwalsiasi skont li jkun ingħata.

Illi t-Tribunal jibda biex jinnota li għalkemm ir-rikorrent talab is-somma ta' mitejn u disgħa u disgħin ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€299.88) meta mistoqsi mit-Tribunal biex jispjega t-talba tiegħu huwa speċifila li huwa jrid li ma jħallasx il-kontijiet pendenti stante li fl-opinjoni tiegħu il-kuntratt kien ġja skada. Għalhekk ir-rikorrenti jikkontesta li għandu jħallas is-somma ta' €299.88 li skont Epic hija l-bilanċ dovut fuq apparat li nxtara b'pagamenti mifruxa fuq tliet snin. Illi effettivament ir-rikorrent irid li jinħal mill-kuntratt mas-soċjeta' intimata mingħajr ma jħallas ebda penali.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe' dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi *"l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."*

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl*

tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."

Illi mill-evidenza ppreżentata, jirriżulta li l-attur iffirma kuntratt fit-31 ta' Diċembru 2022 li fih b'mod ċar jiġu distinti żewġ elementi: is-servizz tat-telefonija (Epic Extra Plan) għal 24 xahar, u l-ftehim tal-pagamenti fuq tagħmir taħt Device Scheme għal 36 xahar. Dawn kienu msemmija b'mod separat kemm fil-formola tas-sign-up kif ukoll fit-termini u kundizzjonijiet.

Illi t-talba tar-rikorrent u ċioe' l-argument li l-kuntratt għandu jkun ta' sentejn kemm għas-servizz kif ukoll għall-prodott jidher li hu bbażat fuq nuqqas ta' fehim da parti tar-rikorrent. L-attur ma ppreżentax kuntratt jew komunikazzjoni li tikkontradixxi b'mod ċar id-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' intimata. Barra minn hekk, kif spjegat tajjeb is-soċjeta' intimata, mill-kalkoli li saru, l-ammont li ħallas ir-rikorrent fl-ewwel 24 xahar ma jkoprix il-valur mnaqqas tal-apparat, li juri li kien mistenni li jkompli jħallas anke wara li jagħddu s-sentejn. Illi r-rikorrent jsostni li ma jistax ikun li jkun mistenni li jibqa' jħallas għall-prodott mingħajr ma jkollu servizz għax il-kuntratt tas-servizz tal-linja kien skada. Illi t-Tribunal ma jaqbilx ma dan l-argument għar-raġuni li l-prodott seta jibqa' jintuża liberament mir-rikorrent anki wara l-iskadenza tas-servizz tal-linja sew jekk mal-Epic fuq bażi ta' kuntratt ġdid jew 'pay as you go' jew inkella ma operatour ieħor u dan stante li l-prodotti ma kienux 'network locked'.

Illi minn naħa l-oħra s-soċjeta' intimata pprovdiet dokumenti, inkluż il-kuntratt u l-fattura ta' Frar 2025, li juru b'mod konsistenti l-bilanċ li baqa' dovut. L-attur stqarr li għadu jgawdi mill-apparat inkwistjoni, li huwa element importanti fil-valutazzjoni tal-obbligi pendenti.

Ikkunsidra

Illi jifdal jiġi mistħarreġ jekk il-kuntratt kienx ġust jew jekk kienx jinkludi klawzoli qarrieqa. Illi skont il-liġijiet tal-konsumatur f'Malta, b'mod partikolari r-Regolamenti dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti (S.L. 378.10) u r-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (S.L. 378.17), kumpanija li tbigħ prodotti jew servizzi lill-konsumaturi għandha d-dmir li tipprovdi informazzjoni ċara, kompluta u mhux qarrieqa qabel ma jingħalaq kuntratt. Din l-informazzjoni tinkludi, fost l-oħrajn, it-terminu tal-kuntratt, l-ispejjeż kollha u t-termini ta' ħlas. Illi Il-liġi tipproteġi lill-konsumaturi kontra prattiki kummerċjali li jkunu "qarrieqa" jew "misleading", jiġifieri li jagħtu stampa falza jew li jistgħu jikkonvinċu lill-konsumatur jieħu deċiżjoni li ma kienx jieħu kieku kellu l-informazzjoni kollha. Madankollu, il-liġi timponi wkoll livell ta' responsabbiltà fuq il-konsumatur sabiex jaqra u jifhem dak li jkun iffirma, sakemm il-kundizzjonijiet ikunu miktubin b'mod ċar u trasparenti.

F'dan il-każ partikolari, mill-kuntratt iffirmat bejn il-konsumatur u Epic Communications Ltd, jirriżulta li żewġ kuntratti separati ġew inklużi bħala parti mill-istess dokument: wieħed relatat mas-servizz tat-telefonija mobbli (li għandu tul ta' 24 xahar) u ieħor għal xiri ta' tagħmir permezz ta' Device Scheme li jestendi għal 36 xahar. It-termini u kundizzjonijiet tat-tnejn huma ċari, imniżżla b'mod distint, u jirreferu għal dokumenti speċifiċi differenti.

Barra minn hekk, fil-kuntratt hemm klawsoli speċifiċi li jispjegaw li jekk il-konsumatur jagħżel tagħmir bħala parti mill-pjan, dan isir taħt skema separata ta' pagamenti fuq 36 xahar. Din l-informazzjoni mhix moħbija jew diffiċli biex tifhimha, u lanqas ma hemm evidenza li l-konsumatur ġie deliberatament zvijat b'mod qarrieqi jew mogħti misinformazzjoni minn rappreżentanti tal-kumpanija.

Għalkemm jista' jkun li l-konsumatur għamel interpretazzjoni żbaljata tad-dokumenti, l-evalwazzjoni trid issir fuq il-bażi ta' kif persuna raġonevoli kienet tifhem il-kuntratt, mhux fuq dak li l-konsumatur individwali ried jew assuma li kien qed jiffirma. Fi kliem ieħor, jekk il-kuntratt huwa redatt b'mod ċar, u jirreferi b'mod trasparenti għal żewġ skemi b'durati u kundizzjonijiet differenti, allura m'hemmx bażi biex jingħad li dan kien kuntratt qarrieqi jew li saret prattika inġusta.

Għalhekk it-Tribunal ser jgħaddi biex jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Decide

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qiegħad jiddeċidi l-kawża billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tiegħu.

Avv. Martha Mifsud
Arbitru